# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Lulju, 2018**

**Talba Nru: 567/2017PM1**

**Christine Portelli (ID 135957(M))**

**Vs**

**Giovanna Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru, 2017 permezz ta' liema l-attrici talbet lit-Tribunal jordna lill-intimata thallas is-somma ta' sema' mija u hamsin ewro (€750) rapprezentanti l-prezz biex tigi rimpjazzata *hearing aid* li giet imkissra mill-intimata meta hija aggrediet lill-attrici nhar il-25 t'Awwissu, 2017, b'dan li nonostante li l-intimata nstabet responsabbli li kkawzat tali hsara b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kirminali) ta' nhar il-5 ta' Dicembru, 2017 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Giovanna Camilleri, hija irrifjutat li thallas l-ammont dovut lill-attrici minghajr raguni valida fil-ligi; bl-ispejjez u bl-imghax skont il-ligi, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-intimata ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimata Giovanna Camilleri li permezz taghha eccepiet illi:

1. Qabel xejn, il-proceduri kriminali u dawk odjerni huma separati u indipendenti minn xulxin, u ghalhekk, ir-rikorrenti Portelli ghandha ggib prova shiha ta' dak pretiz minnha fit-talba odjerna
2. F'kull kaz, l-eccipjenti mhijiex responsabbli ghal xi danni jew ammont kif pretiz mir-rikorrenti
3. Inoltre, l-eccipjenti ma kkawzat ebda danni lir-rikorrenti
4. It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.
5. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont pretiz mir-rikorrenti huwa eccessiv.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Maria Ruth Ciantar waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu, 2018 u d-dokumentazzjoni ezebita minnha senjatament l-atti processwali koncernanti l-proceduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Giovanna Camilleri' decizi mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) (Dok. MC1).

Sema' x-xhieda ta' Francis Saliba waqt is-seduta tas-16 t'April, 2018.

Sema' x-xhieda tal-attrici waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Francis Saliba in kontro-ezami waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju, 2018.

Sema' x-xhieda tal-intimata waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju, 2018.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tar-rapprezentanti legali tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi huwa car li l-azzjoni odjerna, skont l-istess termini uzati mill-attrici fl-avviz, tirreferi ghal talba ghall-hlas ta' kumpens ghal dannu allegatament soffert mill-attrici "***rapprezentanti l-prezz biex tigi rimpjazzata hearing aid*** *li giet imkissra mill-intimata meta hija aggredit lill-attrici nhar il-25 t'Awwissu, 2017*" (enfazi mizjuda) liema prezz l-intimata irrifjutat li tirrifondi minkejja li "*nstabet responsabbli li kkawzat tali hsara b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) ta' nhar il-5 ta' Dicembru, 2017*". F'dan ir-rigward ghandu jinghad minnufih li l-intimata kienet gustifikata li, permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha, talbet li l-attrici tressaq prova ta' dak pretiz minnha fit-talba odjerna stante li l-art. 6 tal-**Kodici Kriminali** jaghmilha cara li l-azzjonijiet kriminali u civili jitmexxew indipendentement minn xulxin.

Illi matul dawn il-proceduri gie ezebit l-affidavit ta' PS 1500 Cutajar li xehed fil-kawza kriminali fejn l-intimata giet akkuzata li hebbet ghall-attrici u fejn jinghad li "*waqt dan l-argument Giovanna tajret wahda mill-hearing aid (tan-naha tal-lemin), bil-konsegwenza li l-hearing aid garbet xi hsara, u minhabba f'hekk Christine ha jkollha taghmel wahda gdida*". L-attrici wkoll xehdet li hija taf lill-intimata li hija kugina taghha u li kellha tilwima maghha f'liema tilwima l-intimata kisritilha hearing aid ("*it-tieni hearing aid giet seba' mija u hamsin ewro (€750), l-ewwel wahda li hija kienet kisritli kienet gietni tmien mija u hamsa u tmenin (885)*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju, 2018).

Illi madanakollu waqt il-kors tal-kawza odjerna xehed fid-dettal u fuq medda ta' zewg seduti Frans Saliba li huwa Hearing Aid Audiologist. Waqt tali xhieda irrizulta car li l-attrici kienet ordnat it-tieni set ta' *hearing aids* taghha **qabel** ma sehh l-incident odjern u dana fid-data tad-9 t'Awwissu, 2017 indikata ripetutament u b'certezza mill-istess xhud. F'dan ir-rigward Frans Saliba sahansitra ezebixxa ricevuta ghad-depozitu mhallas mill-attrici fuq l-ordni maghmula minnha ghall-*hearing aids* liema ordni/ricevuta effettivament iggib id-data indikata mill-istess xhud tad-9 t'Awwissu, 2017 (Dok FS1 a fol. 52 tal-process). Mill-istess document jidher li kien sar 'Pure Tone Audiogram u

thallas mill-attrici depozitu ta' mitt euro (€100). L-istess xhud Saliba jinsisti illi kien proprju f'dik id-data illi l-attrici infurmatu li hi kienet involuta f'tilwima ma' xi hadd u li kien ghalhekk li kellha bzonn tbiddel il-*hearing aid* taghha. Dan evidentement ma jistax ikun minnu ghaliex il-provi kollha prodotti kemm quddiem dan it-Tribunal kif ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali) huma univoci filli jindikaw id-data tat-tilwima bhala dik tal-25 t'Awwissu, 2017. Meta t-Tribunal informa b'dan lix-xhud, l-istess xhud xorta wahda baqa' jinsisti li "*sa fejn niftakar jiena t-tilwima semmietieli f'dik l-okkazzjoni tad-9 t'Awwissu, 2017*" (fol. 54 tal-process).

Illi permezz tat-trattazzjoni legali taghhom l-avukat difensur tal-attrici ssottometta li huwa minnu li l-ordni kienet saret fid-9 t'Awwissu, 2017 pero` l-attrici kellha kull dritt illi zzomm il-*hearing aid* taghha li giet dannegjata waqt it-tilwima mill-intimata u li gjaladarba din il-*hearing aid* giet hekk dannegjata hija xorta wahda kellha d-dritt ghar-rizarciment ta' tali hsara minkejja li l-ordni kienet effettivament saret qabel id-data tat-tilwima.

It-Tribunal ikollu tabilfors jaghti debita kunsiderazzjoni ghall-fatt illi, kif xehed ix-xhud Saliba u kif ammess mill-istess attrici, l-incident sehh proprju wara li hija kienet diga` ordnat it-tieni par ta' *hearing aids* ftit tal-jiem qabel. It-Tribunal isib li, tenut kont li t-tilwima effettivament sehhet fil-25 t'Awwissu, 2017, certament li l-attrici ma jistax ikun illi infurmat lil Saliba b'tali incident fid-data tad-9 t'Awwissu, 2017. Madanakollu jista' jkun li infurmatu b'dan meta hija regghet iltaqghet ma' Saliba ghall-*fitting* u hlas ghal tali *hearing aid*.

Jifdal allura li jigi determinat jekk, kif sottomess mill-attrici tramite l-avukat difensur taghha, hija tistax titlob li tithallas ghall-prezz ta' tali *hearing aid* minkejja li kienet diga` ordnata qabel ma sehhet it-tilwima.

Illi f'dan ir-rigward, mill-aspett prettament legali jinsab deciz li:

> "*Hi disposizzjoni esplicita tal-Kodici Civili f'materja ta' danni akwiljani illi "kull wiehed iwiegeb ghall-***hsara li tigri bi htija tieghu***" (Artikolu 1031). L-istess Kodici jissokta jippreciza illi l-htija tissussisti f'min "ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" [Artikolu 1032 (1)]. Hu, pero` sew dottrinalment, sew gurisprudenzjalment, illi* ***biex ikun hemm lok ghad-danni hu imprexxindibilment mehtieg li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza. Hekk jinsab affermat illi "perche possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'instante" ("Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928);***
>
> *Minn din il-preliminari ko-involgenti l-kwestjoni proposta bl-ewwel ilment jinzlu dawn il-konsiderazzjonijiet:- (1) Il-kawzalita` tinvolvi ricerka ta' fatt illecitu u l-awtur ta' dak l-istess fatt. Hi allura strument siewi utilizzat biex tkun imputata responsabilita` lil min ikun ta lok ghal dannu u ghad-determinazzjoni tal-konsegwenzi tal-fatt illecitu rizarcibbli; (2) Ghas-sussistenza tan-ness kawzali bejn il-fatt dannuz u l-event tad-dannu jinkombi fuq min hu msejjah biex jiggudika li jivvaluta l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jkun accertat u stabbilit jekk il-fatt, objettivament u konkretament, kienx dak idoneju ghall-produzzjoni tad-dannu;* (**Adrian Deguara vs Joseph Oliver Ruggier et.** Q.A. 17 t'Ottubru, 2008 – enfazi mizjuda).

Illi f'dan ir-rigward huwa car li l-attrici ma rnexxielhiex tipprova konklussivament in-ness kawzali bejn il-hsara subita minnha u t-tilwima li fiha kienet involuta. Il-hsara reklamata minnha tirreferi ghal ordni ta' *hearing aid* antecedenti ghad-data tat-tilwima. Dan ifisser illi ma jistax logikament ikun li din il-hsara hija effett tat-tilwima proprju

ghaliex jekk il-hsara hija konsistenti mill-prezz ta' tali *hearing aid* (kif l-attrici stess tghid permezz tat-talba odjerna), din kienet diga` giet sofferta mill-attrici qabel id-data tat-tilwima u kwindi indipendentement minn tali tilwima u certament mhux bhala konsegwenza taghha imma bhala konsegwenza tal-ordni li kienet wettqet qabel id-data tal-incident.

Illi ghal kull buon fini jinghad li r-rapprezentant legali tal-attrici jista' jkollu ragun li jargumenta li l-attrici kellha d-dritt li zzomm il-*hearing aid* il-qadima taghha bhala 'spare' imma ghandu jigi nutat li (i) fl-ebda waqt f'dawn il-proceduri ma inghad mill-attrici li hija kienet qed tippretendi li zzomm din il-*hearing aid* il-qadima bhala 'spare' ghall-uzu taghha u (ii) huwa daqstant iehor car li, permezz ta' din l-azzjoni hija mhux qed titlob rizarciment ghall-valur tal-*hearing aid* il-qadima taghha li hija riedet izzomm bhala 'spare'. It-talba attrici hija cara filli titlob proprju ir-rifuzjoni tal-prezz tat-tieni *hearing aid* liema prezz hija kellha thallas indipendentement minn tali tilwima in vista tal-ordni taghha. It-Tribunal huwa marbut li jindirizza d-decizjoni tieghu proprju entro l-parametri cari ta' tali talba. Logikament l-intimata ma tistax tigi ritenuta responsabbli li tirrizarcixxi lill-attrici tali prezz li kien gie diga' inkors minnha qabel it-tilwima u kwindi mhux bhala konsegwenza tat-tilwima li kellha mal-intimata. Hekk ukoll, kif sottomess mir-rapprezentant legali tal-intimata tramite s-sottomissjonijiet bil-fomm tieghu, m'huwiex il-kompitu ta' dan it-Tribunal illi jipprova jillikwida xi somma rapprezentanti l-valur tal-*hearing aid* qadima jew ta' kwalunkwe danni ohrajn li l-attrici setghet talvolta soffriet fin-nuqqas ta' talba f'dan is-sens u ta' provi cari f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimata u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet, jichad it-talba attrici bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**